**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 27 ta' April, 2017**

Numru 2

**Rikors Guramentat Nru. 856/2015**

**Burmarrad Commercials Limited**

**vs**

**Windmill Aluminium Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-11 ta' Settembru, 2015 li jghid hekk:

Dikjarazzjoni tal-Oggett tal-Kawza
1. Il-kontendenti, ghal zmien twil kellhom relazzjoni kummercjali bbazata fuq tpartit fejn kumpannija kienet toffri l-prodotti u s-servizzi taghha lill-ohra u tithallas in natura minflok fi flus.

2. Fid-data tal-prezentata ta' dawn il-proceduri, il-kumpannija rikorrenti hija debitrici ta' dik intimata fis-somma ta' tlettax-il elf erba' mija u sbatax-il euro u dsatax-il centezmu (EUR13,417.19) inkluza VAT; min naha l-ohra, il-kumpannija intimata hija debitrici ta' dik rikorrenti fis-somma ta' tnejn u tmenin elf tmien mija sebgha u tletin euro u tmienja u ghoxrin centezmu (EUR82,837.28) inkluza VAT.

3. B'hekk, anke ai termini tal-artikolu 1196 et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, il-kumpannija intimata hija debitrici ta' dik rikorrenti fis-somma ta' disgha u sittin elf erba' mija u ghoxrin euro u disgha centezmi (EUR69,420.09), rapprezentanti din is-somma prezz ta' materjal mibjugh u kkunsinnat lill-kumpannija intimata flimkien ma' provvista ta' servizzi rezi lill-kumpannija intimata wara t-tnaqqis tas-somma tlettax-il elf erba' mija u sbatax-il euro u dsatax-il centezmu (EUR13,417.19) dovuta mill-kumpannija rikorrenti lil dik intimata kif diga spjegat.

4. Ir-relazzjoni kummercjali tal-kontendenti llum intemmet anke 'l ghaliex ghal zmien twil il-kumpannija ntimata ttantat tabbuza l-istess relazzjoni; interpellata thallas is-somma bilancjali ta' disgha u sittin elf erba' mija u ghoxrin euro u disgha centezmi (EUR69,420.09), kemm verbalment u kif ukoll in iskritt permezz ta' ittra datata 2 ta' April 2015, il-kumpannija ntimata baqghet inadempjenti.

5. Dawn il-proceduri qeghdin jigu promossi ai termini tal-artikolu 167(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta; l-intimata ma ghandiex eccezzjonijiet x'taghti u ghaldaqstant il-kawza tista' tigi deciza ai termini tal-istess artikolu 167 tal-Kaptiolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Mario Gauci (K.I. nru. 233284M), jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Raguni tat-Talba
1. Ghar-ragunijiet premessi, kellhom jigu stitwiti dawn il-proceduri.
Talbiet:
Tghid ghalhekk il-kumpannija intimata 'l ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Taqta' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna, ghar-ragunijiet premessi, lill-kumpannija intimata sabiex thallas lill-kumpannija rikorrenti s-somma ta' disgha u sittin elf erba' mija u ghoxrin euro u disgha centezmi (EUR69,420.09), inkluza VAT, rapprezentanti din is-somma prezz ta' materjal mibjugh u kkunsinnat lill-kumpannija intimata flimkien ma' provvista ta' servizzi rezi lill-kumpannija intimata wara t-tnaqqis tas-somma tlettax-il elf erba' mija u sbatax-il euro u dsatax-il centezmu (EUR13,417.19) dovuta mill-kumpannija rikorrenti lil dik intimata kif fuq spjegat.

Bl-imghax mit-2 ta' April 2015, data tal-ewwel interpellanza, sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru ntavolat kontestwalment ma' din il-kawza, kontra l-kumpannija ntimata illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.
B'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-kumpannija rikorrenti.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;
2. Illi l-ftehim ta' bejn il-kontendenti kien u huwa li l-hlas ghall-provvisti reciproci ta' servizzi u materjal kellu jkun in-natura, b'mod li l-partijiet ilhom ghal snin twal jezegwixxu dan il-ftehim bi tpartit tax-xoghol u prodotti reciproci taghhom u ghaldaqstant is-socjeta attrici, l-istess bhas-socjeta intimata, ma tistax titlob il-hlas fi flus unilateralment;
3. Illi l-eccipjenti dejjem agixxiet in bona fide fl-ezekuzzjoni tal-ftehim ta' bejn il-partijiet u ghaldaqstant ukoll it-talba tas-socjeta attrici biex tibdel il-modalita tal-hlas tal-obbligazzjoni ghanda tigi michuda;
4. Illi mhux minnu li d-dejn imsemmi mis-socjeta attrici huwa wiehed cert, likwidu u li ghalaq u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza;

5. IIli sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, is-socjeta rikorrenti cediet u bieghet kreditu lil V&C Contractors Ltd u lil Tal-Herba Construction Ltd u ghaldaqstant fi kwalunkwe kaz, l-ammonti involuti f'dawn ic-cessjonijiet ghandu jitnaqqas mill-ammont mitlub mis-socjeta rikorrenti;
6. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.
Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici.

Rat l-atti u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fejn is-socjeta attrici tallega li bejn il-kontendenti kien hemm negozju kummercjali ghaddej bejniethom ibbazat fuq tpartit u illi l-kumpanija attrici kienet toffri prodotti u servizzi u l-hlas mis-socjeta konvenuta kien isir in natura flok flus. Izidu illi f'certu zmien kien hemm diskrepanza qawwija bejn dak li kellha thallas is-socjeta attrici u dak li kellha taghti s-socjeta konvenuta u in oltre l-istess socjeta konvenuta kienet qed tabbuza mill-ftehim u tinkwota prezzijiet esagerati ghal prodott taghha. Dan wassal biex is-socjeta attrici tittermina unilateralment il-ftehim u titlob il-hlas fi flus tal-bilanc dovut wara t-tpacija bejn dak dovut bejniethom. Hu pacifiku bejn il-partijiet illi nonostante din it-talba, id-direttur tas-socjeta attrici jammetti li fil-mori tal-kawza l-bilanc dovut naqas ghal €28,232.97 ghax is-socjeta konvenuta hallset b'xoghol mehud min ghandha.

Is-socjeta konvenuta tirrispondi li l-ftehim ta' tpartit ghal servizzi reciproci kien ilu ghaddej ghal diversi snin u dan kien il-ftehim. Billi s-socjeta konveuta dejjem agixxiet in buona fede, dan il-ftehim ma setghax jigi terminat unilateralment u s-socjeta atrici titlob il-hlas tal-bilanc fi flus.

Id-direttur tas-socjeta attrici Noel Gauci fix-xiehda tieghu jsostni li fl-antik kien hemm ftehim ta' tpartit bejn il-kontendenti pero dan ma baqghax jezisti u jekk kienu jithallsu b'xoghol minghand is-socjeta konvenuta, dan kien b'ghazla tas-socjeta attrici mhux bi ftehim. Hu qal ukoll li kull negozju sar bi ftehim ghal rasu kemm jekk hu xoghol ghas-socjeta attrici jew ghal terzi jew bi hlas dirett ghalkemm ma setghax jiftakar jekk

fil-fatt is-socjeta konvenuta qattx hallset bi flus. Ix-xhud gie muri dokument mahrug fl-1 ta' Dicembru 2006 (fol. 122 tal-process) mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta fejn is-socjeta attrici iddikjarat li hi ser tidhol biss f'arrangamenti ta' tpartit mas-socjeta konvenuta meta s-socjeta attrici tbiegh vetturi lis-socjeta konvenuta. Ix-xhud qal li ma jafx kemm kellha perjodu ta' validita dik l-ittra. Rigward l-allegazzjoni li s-socjeta konvenuta kienet qed taghti prezzijiet esagerati ghal prodott taghha, ix-xhud qal li ma kellux prova fuqu dak il-hin li xehed.

Id-direttur tas-socjeta konvenuta Grazio Debono xehed li ilu jinnegozja mas-socjeta attrici xi tletin sena u qatt ma sar hlas bi flus izda dejjem tpartit hlief ghal okkazjoni wahda fuq ammont zghir ghal tiswija ta' zewg vannijiet. Zied li gieli kien hemm bilanc dovut akbar minn dak prezenti u s-socjeta attrici qatt ma lmentat.

Il-Qorti tqis illi s-socjeta attrici ma gabet ebda prova ta' dak allegat minnha kif kien bil-ligi jinkombi lilha sabiex titlob il-hlas tad-debitu dovut lilha fi flus kontanti u mhux bi prodott ta' aluminium kif kien isir il-hlas ta' dak mixtri minghand is-socjeta attrici mis-socjeta konvenuta. Il-Qorti tqis li fil-fatt ma kienx hemm ftehim formali ta' tpartit bejn il-partijiet izda bejgh ta' vetturi mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta u l-hlas kien isir billi s-socjeta attrici taccetta prodott tal-aluminium minghand is-socjeta konvenuta bhala hlas. Il-kelma 'tpartit' ma hix it-terminu legali ezatt ghal ftehim bejn il-partijiet.

Jirrizulta bil-miktub li fl-2006 is-socjeta attrici infurmat lis-socjeta konvenuta illi kull xiri minghand is-socjeta attrici ta' vetturi mibjugha minnha, kellu jithallas bi 'tpartit' ma' xoghol ta' aluminium prodott mis-socjeta konvenuta. Din il-kitba ma jidhirx li qatt giet irtirata hlief meta saret il-kawza jew ftit qabel cioe 2015. F'dak iz-zmien, ghalhekk jidher, u dan hu ammess mis-socjeta konvenuta, illi kien fadal bilanc ta' circa €69,000 li kellu jithallas bi prodott lis-socjeta attrici jew terzi skont ma tidderiegi l-istess socjeta attrici.

Il-Qorti hi tal-fehma li la darba dan jirrizulta li hu l-ftehim bejn il-partijiet, tali ftehim ghandu l-forza ta' ligi u sakemm wahda mill-partijiet ma indikatx ir-rieda taghha li tittermina l-ftehim b'mod car u bla dubju, dak il-ftehim jibqa' jsehh sat-terminazzjoni tal-ftehim. Jidher li fil-mori tal-kawza, fil-fatt sar xi tnaqqis sostanzjali ta' dak dovut lis-

socjeta attrici bi prodott tal-istess socjeta konvenuta moghti lis-socjeta attrici jew terzi kif idderigiet l-istess socjeta attrici. Dan juri illi l-istess socjeta attrici kienet ghadha implicitament qed tonora l-ftehim tal-2006 nonostante l-kawza. Hi l-fehma tal-Qorti illi l-bilanc illum dovut ta' €28,232.97 favur is-socjeta attrici mis-socjeta konvenuta ghadu marbut mal-ftehim tal-hlas fi prodott u mhux fi flus kif qed tippretendi s-socjeta attrici.

L-istess socjeta attrici lanqas irnexxielha tipprova, ghalkemm mhix strettament rilevanti ghal principju kardinali li jirregola l-ftehim kontrattwali bejn il-partijiet, illi fil-fatt kellha raguni valida biex tittermina n-negozju guridiku ezistenti. Hi tibbaza tali terminazzjoni fuq l-allegazzjoni li s-socjeta konvenuta kienet qed izzomm prezzijiet esagerati pero ma ngiebet ebda prova dwar dan. Kif inghad dan qed jigi kunsiderat ghal kompletezza tal-fatti ghax il-kwistjoni principali hi jekk il-bilanc dovut kien kolpit minn ftehim ta' hlas bi prodott jew le. Ir-risposta hi li l-bilanc dovut mis-socjeta attrici hu marbut ma' ftehim ta' hlas bi prodott mhux in kontanti mhux kif sottomess mis-socjeta attrici li l-ghazla dwar il-hlas kien soggettiv ghaliha.

Maghdud dan kollu hi l-fehma tal-Qorti illi l-azzjoni attrici tfalli ghax gie pruvat ftehim car bejn il-partijiet dwar hlas fi prodott da parti tas-socjeta konvenuta ghal kreditu tas-socejta attrici u li fil-mument li giet intavolata l-kawza ma kien hemm ebda ftehim kuntrarju. Il-Qorti tqis ghalhekk illi ghal bilanc li ghadu dovut mis-socjeta attrici, dan ghandu jsir kif kien isir cioe bi hlas fil-forma ta' prodott mhux fi flus.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tqis illi t-talba attrici mhux gustifikata kif maghmula billi l-hlas ta' kull bilanc dovut mis-socjeta konvenuta ghandu jsir permezz ta' hlas bi prodott provdut mis-socjeta konvenuta mhux kif mitlub mis-socjeta attrici. Spejjez ghas-socejta attrici.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur